MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2015

Mandat Numru. 256/2015/1

**Mandat t'Inibizzjoni**

**Numru 256/15**

**Union Haddiema Maghqudin**

**vs**

**Malta Public Transport Services**

**(Operations) Limited**

**(C-48875)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors promotur datat is-16 ta' Frar, 2015;

2.0. Rat id-digriet preliminari taghha datat ukoll is-16 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu:

2.1. Laqghet provizorjament it-talbiet tar-rikorrenti;

2.2. Appuntat l-istess rikors ghas-smiegh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 1);

2.3. Ordnat in-notifika ta' l-istess lill-kontro-parti skont il-ligi;

3. Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata datata s-26 ta' Frar, 2015, (ara foll 15);

4. Semghet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

5. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi t-talba promotrici ghall-hrug tal-mandat in dizamina tista` tigi sintetikament elenkata bil-mod segwenti:

6.1. Illi l-*union* rikorrenti ssostni li ghandha interess tintavola l-procedura odjerna biex tipprotegi d-drittijiet taghha;

6.2. Illi biex tipprotegi dawn id-drittijiet minnha allegati l-*union* rikorrenti tixtieq izzomm lis-socjeta` intimati milli:

6.2.1. Tinnegozja mal-*General Workers Union* (GWU), jew xi taqsimiet taghha, jew *unions* ohra dwar ftehim kollettiv gdid ghall-haddiema ma' l-istess socjeta`, partikolarment ix-xufiera;

6.2.2. Illi x-xufiera huma grupp omogeneu ta' haddiema kolpiti bil-ftehim kollettiv vigenti;

6.2.3. Taghmel kull ftehim iehor, anke dwar hatriet u caqlieq tax-xufiera u dwar tibdil fil-kundizzjonijiet ta' l-impjieg taghhom;

7.0. Illi min-naha taghha s-socjeta` intimata ssosstni sintetikament is-segwenti:

7.1. Illi s-socjeta` *de quo* hi indifferenti ghal liema *union* il-haddiema taghha jaghzlu li tirrapprezenthom fin-negozjati dwar il-ftehim kollettiv *de quo*;

7.2. Illi in effetti hi nqabdet f'morsa bejn il-*unions* involuti li t-tnejn qed jikkontendu d-dritt li jirrapprezentaw il-kategorija tax-xufiera fi hdan l-istess socjeta`;

7.3. Illi hemm ukoll mandat t'inibizzjoni provizorjament milqugh fil-konfront taghha, intavolat mill-*General Workers' Union* biex ma ssirx il-verifika ta' *records* ta' shubija trejdunjonistika ta' haddiema fuq digriet moghti mit-Tribunal Industrijali fil-11 ta' Frar, 2015, liema digriet jidher li ser jigi wkoll impunjat mill-imsemmija *union*;

7.4. Illi ghalhekk il-process ta' verifika in dizamina jista` jiehu fit-tul;

7.5. Illi hemm il-probabilita` li s-socjeta` intimata ma tkunx tista` tinnegozja ma ebda *union* biex b'hekk jinholoq stagnar trejdjunjonistiku ghal zmien indefinit;

7.6. Illi f'kazijiet simili fejn zewg *unions* it-tnejn jippretendu li ghandhom ir-rikonoxximent maggoritarju, l-impass ikkreat jigi sorvolat billi jsiru l-verifiki necessarji u fil-frattemp, is-socjeta` involuta tibqa` tinnegozja ma' dik il-*union* li f'dak il-mument kienet qed tgawdi l-gharfien;

7.7. Illi b'hekk jigi evitat kwalunkwe impasse li jkun ta' detriment ghall-partijiet kollha involuti;

7.8. Illi l-azzjoni odjerna, mehuda konguntivament mall-azzjonijiet l-ohra fuq riferiti, jkollha biss l-effett li tistaghna l-affarijiet ghal zmien indefinit;

7.9. Illi ghandu jkun pacifiku li s-servizz moghti mis-socjeta` intimata hu wiehed ta' portata pubblika nazzjonali li jrid jinghata minghajr waqfien;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi fid-dawl tal-vertenza in dizamina analizi tas-suespost jirrileva s-segwenti:

8.1. Illi l-procedura inoltrata mill-*union* rikorrenti hi wahda regolata mill-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

8.2. Illi a bazi tal-istess artiklu indikat fil-paragrafu precedenti, ghandu jkun pacifiku li tali procedura hi specifikatament intiza biex izzomm persuna milli taghmel xa haga, tkun li tkun, li tista` tkun ta' pregudizzju – u allura tirreka hsara immedjata – lill-parti li titlob il-hrug ta' tali mandat;

8.3. Illi qabel ma' tali mandat ikun jista` jinhareg skont il-ligi, l-parti lanjanti, f'dan il-kaz il-*union* rikorrenti, ghandha tissodisfa r-rekwiziti stipulati fl-istess artiklu tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili fuq indikat, senjatament:

8.3.1. Illi l-mandat *de quo* ghandu jirrizulta necessarju biex jigu protetti d-drittijiet minnha legittimament pretezi;

8.3.2. Illi jrid ukoll ikun assodat li r-rikorrenti jkollu ta' l-anqas dawk id-drittijiet minnu pretizi f'livell ta' *prima facie*;

Ikkunsidrat:

9. Illi in effetti l-vertenza in dizamina tirrigwarda l-allegazzjoni li l-*union* rikkorrenti ghandha r-rapprezentanza tal-maggoranza tax-xufiera impjegati mas-socjeta` intimata u li allura, ghandha tkun hi – u hi biss – li ghandha, f'isem l-istess xufiera, tinnegozja ma' l-imsemmija socjeta`;

10. Illi *nonostante* tali allegazzjoni tal-*union* rikorrenti, proceduri ohra riferiti mill-istess partijiet li fihom jirrizulta li hemm ukoll interessi ta' terzi, din l-allegazzjoni tal-*union* rikorrenti tirrizulta li hi robustement kontestata;

11. Illi tant jirrizulta li hemm divergenza qawwija fir-rigward, li t-Tribunal Industrijali kolpit bl-istess vertenza ghazel li jinstiga kontegg metikoluz biex issir il-verifika necessarja biex jigi stabbili t il-kuntegg b'mod preciz u dettaljat taht il-kontrol tar-Registratur tat-*Trade Unions*;

12. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-*union* rikorrenti ghandha l-allegazzjoni taghha fir-rigward kontestata u effettivament suggetta ghall-verifika;

13. Illi ghalhekk s'issa, ma jistax jigi presunt li l-istess *union* rikorrenti effettivament ghandha l-maggoranza fir-rigward tal-kategorija in dizamina;

14. Illi konsegwentement, ma jistax jigi ritenut li *prima facie* ghandha d-dritt minna presunt;

**DECIDE:**

15.0. Illi in vista tal-premess jirrizulta li il-*union* rikorrenti ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-artiklu 873 tal-Kap 12 fuq riferit, u konsegwentement, filwaqt li takkolji t-talbiet tas-socjeta` intimata;

15.1. Tiddikjara li qed tvarja *contrario imperio* d-digriet preliminari taghha fuq gia` riferit, (ara paragrafu numru tnejn, (2.), aktar qabel), datat is-16 ta’ Frar, 2015;

15.2. Tiddikjara li minflok qed tirrespingi t-talbiet tal-*union* rikorrenti;

15.3. Bl-ispejjez kontra l-istess *union* rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------